# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 248/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Matthew Abela**

Seduta tal- 10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat illi fuq rikors tal-Uffiċjal tal-Probation tal-1 ta' Settembru, 2015 li bih għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-appellant Matthew Abela detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 431082M talli naqas milli joqgħod għad-direttivi mogħtija lilu mill-istess Uffiċjal tal-Probation sabiex huwa jindirizza u jieqaf mill-vizzju tad-droga l-appellant kien mitlub jidher quddiem l-ewwel Qorti biex iwiegeb ghal-ksur tal-Ordni ta' Probation;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Mejju, 2016 li biha sabet li l-appellant kien naqas milli jhares xi htiega tas-sanzjoni fil-komunita' komminata lilu bis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru

2013 u għalhekk trattat miegħu billi kkundannatu għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija. Il-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-imputat b'dik l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex waqt li jkun qiegħed residenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin huwa jegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga u għal dan il-għan għalhekk jikkonsidra li l-ħati jitqiegħed għal dawk il-programmi ta' rijabilitazzjoni meħtieġa u f'dawk il-postijiet idoneji biex jgħinuh jegħleb dan il-vizzju;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2016, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata, billi :

a. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lil l-appellant ħati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu a bazi u a tenur tal-artikoli 17(h), 31, 41(1)(a), 261(f)(g), 265, 270, 271(g) ilkoll tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 6, 51(6), 56 u 57 tal-Kap480 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. **Tħassarha** in kwantu s-sejbien ta' ħtija tal-appellant a bazi tal-artikoli 261(b), 263(a), 264(1), 278(1)(3) ilkoll tal-Kodici Kriminali

c. **Tikkonfermaha** in kwantu l-impozizzjoni ta' multa ta' mitt euro fuq l-esponenti

d. **Tvarjaha** in kwantu l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta għal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din il-Qorti solitament tintroduci b'mod preliminari u fil-qosor il-gravami formanti parti l-appell in diskussjoni. Fil-kaz odjern, izda jokkorri li qabel dan, jkunu deskritti l-fatti kollha tal-kaz li ghandhom jippostulaw il-kwadru kollu tal-kaz;

2. Fit-30 ta' Settembru, 2013, l-appellant flimkien ma' persuna ohra, kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet ta' attentat ta' serq minn gewwa vettura bl-aggravji tal-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa, hsara volontarja u fil-konfront tal-appellant wahdu li garr arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Iz-zewg imputati kien rregistraw ammissjoni u dik il-Qorti pprolatat is-sentenza taghha fl-10 ta' Dicembru, 2013 wara li ordnat evalwazzjoni taz-zewg imputati ghall-fini ta' sanzjoni komunitarja. Fil-konfront tal-appellant odjern, wara li l-ewwel Qorti sabitu hati fuq ammissjoni tieghu stess, qieghditu taht Ordni ta' *Probation* ghall perjodu ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 u taht ordni ta' trattament fit-termini tal-artikolu 412 tal-Kodici Kriminali oltre l-imposizzjoni ta' multa ta' €100 u ordni li jhallas *in solidum* id-danni kagjonati lil-sid il-vettura;

3. Fl-ewwel ta' Settembru, 2015, l-Ufficcjal tal-Probation, assenjata ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 in segwitu tas-sentenza tal-ewwel Qorti, prezentat rikors quddiem l-istess Qorti li bih ddenunzjat lill-appellant dwar nuqqas ta' adezzjoni mad-direttivi taghha. Fid-9 ta' Mejju, 2016, l-ewwel Qorti pprolatat id-decizzjoni taghha dwar dan ir-rikors li biha ddikjarat li fic-cirkostanzi ma kellhiex triq ohra hlief li tkkundanna lill-appellant ghall-piena dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom kien instab hati bis-

sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013 u dan billi imponiet piena karcerarja ghal zmien sena;

4. Bl-appell odjern, l-appellant qed jimpunja din id-decizzjoni bis-segwenti zewg gravami: li qatt ma seta' jinstab hati ta' attentat ta' serq akkumpanjat bl-aggravju tal-mezz fl-ewwel lok ghaliex dak l-aggravju mhux applikabbli u fit-tieni lok ghaliex minkejja l-ammissjoni tieghu, l-ewwel Qorti kellha l-obbligu tara jekk il-fatti speci tal-kaz jinkwadrawx ruhhom fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena erogata;

5. Huwa bil-wisq evidenti illi l-appell kwantu jolqot is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti kif minnha deciz fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013 ma jistghax ikun konsiderat minn din il-Qorti ghaliex dak il-mertu ghadda in gudikat bin-nuqqas ta' appell li kellu jkun interpost, skond il-ligi vigenti dakinhar, fi zmien tmient ijiem tax-xoghol mill-prolazzjoni taghha. Meta l-artikolu 21 tal-kapitolu 446 fis-subartikolu (2) tieghu jipprovdi ghas-setgha tal-Qorti li titratta mal-hati dwar nuqqas ta' ottemperanza ma' ordni ta' *probation* dan ikun qed jirreferi ghal-piena li tista' tkun erogata dwar ir-reat jew reati li l-imputat ikun gia kien misjub hati taghhom. Certament ma jfissirx li dik il-Qorti tista' terga' tisma' u tiddeciedi il-kawza *ex novo* kif donnu qed jistenna l-appellant odjern:

> **(2) Jekk jigi pruvat ghas-sodisfazzjoni tal-qorti, li min ikun taht *probation* jkun naqas milli jhares xi htiega ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal il-hati ammenda .... jew tista titratta ma' min ikun taht *probation*, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' titratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.**

Dan il-provvediment huwa replikat fl-artikolu 23(1)(a) u (b) tal-istess Kapitolu;

6. Ghalhekk , la darba is-sentenza tal-10 ta' Dicembru 2013 ghaddiet in gudikat, mhux legalment possibbli li tkun attakkata b'appell interpost wara, u f'dan il-kaz snin wara, permezz ta' appell dwar il-piena erogata minn dik il-Qorti meta trattat mal-hati ghall-ksur tal-ordni ta' *probation*. Ghalhekk ukoll din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju;

7. Fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta mill-piena erogata ta' sena prigunerija bl-argument illi din hija wahda eccessiva tenut kont l-ammissjoni bikrija tieghu. Huwa verament odjuz li jinghad l-ewwel Qorti ma gharfitx tapplika piena mill-aspett riformattiv taghha ghaliex ezami tal-atti processwali juri li kienu saru diversi seduti tal-Qorti sabiex l-appellant ikun osservat mill-Ufficcjal tal-Probation ghal kull kambjament pozittiv li jista jirrizulta fil-mori;

8. Fis-6 ta' Novembru 2015 l-ewwel Qorti semghet d-deposizzjoni tal- Ufficcjal tal-Probation dwar din id-denuznja fejn jemergi illi din kienet radikata mill-problema kbira ta' droga li ghandu l-appellant bil-konsegwenzi li ma kienx qed joqghod ghall-ordnijiet taghha u ma setghetx tivverifika jekk verament kellux xoghol jew le stante li ma kellu ebda dokumentazzjoni x'turi li kien verament qed jahdem bi qliegh. Fis-6 ta' Novembru 2015, l-istess Ufficcjal tal-Probation irraportat kambjament fl-appellant billi wieghed li kien waqaf jiehu droga, kien irrizulta negattiv ghal tlett testijiet tal-urina, kien qed izomm mal-appuntamenti maghha u mal-Caritas. Skond deposizzjoni ohra fit-3 ta' Frar, 2016 dan il-kambjament kien soggett ghal-xi nuqqasijiet fosthom kuntatt anqas frekwenti mal-Caritas u rizultat posittiv ghal-testijiet ta' sustanzi li izda ma kienitx eroina u aktar sostitut ghaliha. L-appellant ma kienx qed juri stabbilita f'hajtu u fuq din l-informazzjoni l-Qorti

regghet ddiferiet id-denunzja ghall-data ohra ghal aktar informazzjoni dwar il-progress tieghu;

9. Fid-9 ta' Mejju 2016, l-Ufficcjal tal-Probation rraportat li mill-ahhar seduta, igifieri dik tat-3 ta' Frar, l-appellant kellu tmien appuntamenti maghha li minnhom attenda biss tlieta ghaliex ghall-ohrajn kien jghid li kien marid. Ghal kull appuntament skedat kien ikun hemm nurse biex jittiehed kampjun tal-urina u ghalhekk intilfet l-opportunita' li l-appellant ikun ezaminat minn dan l-aspett. Biss kien ittiehed kampjun f'wiehed mit-tlett appuntamenti li kien zamm mieghu u dan irrizulta pozittiv ghad-droga kokaina. L-appellant ttenta jiggustifika n-nuqqas tieghu izda l-Qorti kkonkludiet illi "*…-probationee wera' bic-car li ma kienx verament interessat jilqa l-ghajnuna siewja biex jgharaf jaffaccja l-problemi tieghu u dan fl-interess tieghu stess u dik tas-socjeta'*"";

10. Quddiem din il-Qorti, l-appellant prezenta dokument konsistenti f'certifikat mahrug mill-Community Service Outreach li juri li fil-5 ta' Jannar 2016 kien ghamel kuntatt ma' din l-organizzazzjoni u li fit-30 ta' Jannar 2017 kien dahal San Blas Shelter u temm programm fid-9 ta' Mejju 2017. Kien ukoll indikat li sejjer tajjeb. Fil-5 ta' Frar, 2018 rapprezentant tal-Caritas ikkonferma li l-appellant dahal ghal-programm u kompla sa' l-ahhar sakemm temmu b'success u ilu mill-ahhar ta' Settembru [2017] jattendi sezzjonijiet individwali darba fil-gimgha u kien hemm progess notevoli ukoll fih;

11. Illi f'dan il-kwadru, huwa bil-wisq evidenti illi meta l-ewwel Qorti qieghedet lill-appellant fuq ordni ta' probation u taghtu opportunita' tad-deheb biex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, l-appellant ma gharafx jisfrutta dik l-opportunita tant li l-Ufficcjal tal-Probation kellha tasal biex taghmel denunzja kontra tieghu li wasslet ghall-proceduri odjerni. Minkejja dan, l-ewwel Qorti xorta ghamlet aktar milli mistenni minnha meta semghet lill-Ufficcjal seduta wara l-ohra u ddiferiet il-kawza ghal diversi drabi sabiex l-

appellant jgharaf jisfrutta ukoll dak iz-zmien biex isib direzzjoni sakemm waslet ghall-punt li qalet issa daqshekk u kienet konvinta li ma kellu ebda motivazzjoni biex jipprova jirriabilita ruhu. Dik kienet l-istess Qorti li semghet il-kaz tal-appellant sa mill-bidu nett, l-istess Qorti li trattat mal-ko-imputata b'mod divers li minkejja li kienet ukoll denunzjata, wara diversi seduti uriet li kienet bniedma riformata u regghet tatha l-opportunita' li tkompli fit-triq it-tajba, l-istess Qorti, anzi li uriet li kienet ezaltata bil-kambjament taghha. Fil-kaz tal-appellant, izda, irnexxielu jitlef il-fiducja ta' min kien qed jaghmel minn kollox biex jghinu. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti tista' qatt tkun kritikata negattivament fil-konkluzzjoni taghha;

12. Dan il-kapitolu fil-hajja tal-appellant jehtieg li jkun mghaluq. Ic-certifikat li pprezenta juri li issa jidher li qieghed jimpenja ruhu fid-direzzjoni t-tajba u ghalhekk jimmerita li jinghata opportunita' ohra. Issa, ghalkemm fiz-zmien meta intavolat l-appell ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena, jidher li z-zmien hadem favur l-appellant ghaliex issa hemm raguni biex isir dan jekk b'daqshekk din il-Qorti tista' tkun ta' sostenn fil-kambjament ta' hajjet l-appellant;

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-waqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel , t-tieni u t-tielet talba koncernanti s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-10 ta' Dicembru, 2013 liema sentenza ghaddiet in gudikat, takkolji r-raba talba ghar-riforma tas-sentenza tad-9 ta' Mejju 2016 kwantu il-piena billi **thassarha** f'dik il-parti li biha kkundannat lill-imputat ghal-piena ta' sena prigunerija u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena mil-lum li bis-sahha tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum. Inoltre, fit-termini tal-artikolu 28G tal-stess Kapitolu qed tqieghed lill-appellant taht Ordni ta'

Supervizzjoni ta' Ufficcjal Sorveljanti ghall-istess zmien ta' sena mil-lum;

14. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car, l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza, kif ukoll illi b'hekk qed jinghata aktar responsabilita' fid-decizzjoni dwar xi jrid fil-hajja tieghu u li ghadu fil-hin biex jaqleb il-pagna.

15. Tordna notifika ta'din is-sentenza lid-Direttur Ufficcju tal-Probation Services.